## Qorti Civili
## (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 31 ta' Mejju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 134 / 15RGM

Kawza fil-lista: 9

**A B**
**vs**
**C B D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fit-2 ta' Dicembru tas-sena 1996 [recte: 1995] u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta b'certifikat numru 2081 tas-sena 1995;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal senjatament Martina B li twieldet fis-17 ta' April 1996 u Elena B li twieldet fit-22ta' Dicembru 2000;

3. Illi l-partijiet sseparaw legalment fl-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) u dan ai termini ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone;

4. Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjori, l-kura u kustodja ta' ulied il-partijiet, senjatament Martina (illum maggorenni) u Elena li hi minorenni, giet

fdata konguntivament f’idejn il-partijiet, b'dan illi ai termini tal-klawsola 4A (ii) ir-residenza primarja ta' l-istess minuri kellha tkun mal omm, b'access favur l-esponenti bil-mod stabbilit fl-istess kuntratt ai termini tal-klawsola 4C;

5. Illi skont il-klawsola 4B ta' l-istess kuntratt il-manteniment pagabbli ghall-minuri huwa ta' tmien mija u hamsa u ghoxrin Euro kull xahar (Euro 825.00), cioe erba' mija u tnax il-Euro u hamsin centezmu fix-xahar (Euro 412.50) ghal kull tifla, u dan inter alia sakemm it-tfal ikunu qeghdin jirrisjedu ma' l-intimata ommhom.

6. Illi di piu il-klawsola 4A(iii) ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni tipprovdi illi "f'kaz illi tifla tkun qed tirrisjedi ma' genitur u turi x-xewqa li tbiddel ir-residenza taghha u tmur tirrisjedi mal-genitur l-iehor u l-genituri ma jilhqux qbil dwar dan, tali bidla ghandha tkun stabbilita permezz ta' dikjarazzjoni guramentata quddiem nutar f'kaz illi t-tifla jkollha iktar minn tmintax-il sena u permezz ta' digriet moghti mill-Qorti Civiti (Sezzjoni Familja) f'kaz illi jkollha inqas minn tmintax-il-sena."

7. Illi fil-gurnata li Martina B ghalqet it-tmintax -il sena, din ghazlet li tmur tirrisjedi ma' l-esponenti wara li saret id-dikjarazzjoni necessarja hekk kif titlob il-klawsola appena citata 4A(iii);

8. Illi madwar tnax (12) il-xahar ilu il-minuri Elena B, li llum ghandha kwazi hmistax-il sena ersprimiet ix-xewqa ghal diversi drabi ma' l-esponenti illi tixtieq tmur tirrisjedi mieghu filwaqt illi jkollha access liberu biex tmur izzur jew tara lil intimata;

9. Illi x-xewqa tal-minuri Elena B minkejja it-trapass taz-zmien, sallum sallum ghada ma tbiddlitx u ghada sallum tixtieq tmur tirrisjedi ma' l-esponenti missier;

10. Illi ghalhekk in vista ta' tali tibdil fic-cirkostanzi kif ukoll ai termini tal-klawsola 4A(iii) fuq citata jehtieg l-awtorizazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti bl-ghan illi l-minuri Elena tibda tirrisjedi ma' l-esponenti u jsiru l-emendi necessarji fil-klawsoli relattivi tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet rigwardanti r-residenza u l-access ghall-minuri kif ukoll rigward il-manteniment pagabbli ghall-istess minuri;

11. Illi t-tentattivi ta' l-esponenti sabiex jasal ghal ftehim bonarju sfaw kollha fix-xejn b'dan illi ghaldaqstant l-esponenti kellu jaghmel din il-kawza wara li gie debitament awtorizzat jipprocedi permezz ta' digriet numru 1207/75 ta' din l-Onorabbli Qorti datat 12 ta' Mejju 2015;

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha: -

1. Tordna illi l-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet datat erbatax (14) ta'Jannar elfejn u tlettax fl-atti tan-nutar Dottor Joseph Tabone jigi emendat, b'dan illi l-post tar-residenza ordinarja tat-tifla minorenni Elena B tigi ffissata ma' l-esponenti bi dritt ta' access ghall-intimata kif stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti u dan fl-interess u skont ix-xewqat tal-istess minorenni Elena B;

2. Tordna il-hatra ta' Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet hekk kif jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tat-talba precedenti;

3. Tahtar kuraturi deputati sabiex jidhru fuq dan l-att ta' varjazzjoni jekk kemm il-darba l-intimata tonqos milli tidher fuq l-istess att.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok, jigi rilevat illi l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Dicembru 1995 u mhux kif indikat fir-rikors guramentat;

2. Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qieghed jitlob il-varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni milhuq bejn il-partijiet u datat 14 ta' Jannar 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone in kwantu jirrigwarda r-residenza primarja tat-tifla minuri Elena B li llum ghandha erbatax-il sena;

3. Illi miz-zwieg bejn il-partijiet twieldu zewgt itfal u cioe Martina fis-17 ta' April 1996 li llum hija maggorenni u Elena fit-22 ta' Dicembru 2000 u li ghalhekk llum ghandha erbatax-il sena;

4. Illi in forza tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, il-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Elena giet fdata f'idejn il-partijiet konguntivament izda gie miftiehem illi hija kienet sejra tirrisjedi m'ommha l-esponenti, kif ghadha tirrisjedi sallum;

5. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti ghas-segwenti ragunijiet;

6. Illi minkejja dak ipprovdut fil-klawsola 4A (iii) tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-esponenti hija tal-fehma illi mhuwiex fl-ahjar interess tat-tifla minuri illi tmur tirrisjedi ma' missierha r-rikorrenti, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

7. Illi ghandu jinghad illi l-process li wassal sabiex il-partijiet ikkonkludew kuntratt ta' separazzjoni kien ikkaratterizzat minn attrit kbir bejn il-partijiet, partikolarment minhabba l-fatt illi r-rikorrenti sfortunatament involva lil uliedu f'dak li kien ghaddej bejn il-partijiet, partikolarment lit-tifla l-kbira Martina, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

8. Illi r-rikorrenti hija tal-fehma illi dan kollu kien wassal sabiex it-tifla l-kbira Martina ghazlet li tmur tghix ma' missierha u ghaddiet minn perjodu negattiv hafna, filwaqt illi t-tifla minuri Elena B kienet u baqghet tirrisjedi mal-esponenti fl-istess dar is-Swieqi, anke wara li gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet madwar sentejn u nofs ilu, u dana bl-accettazzjoni tar-rikorrenti missierha;

9. Illi l-esponenti ghandha relazzjoni tajba mat-tifla minuri Elena u sa fejn taf hi, ma sehh ebda tibdil fic-cirkostanzi li jista' jinduciha sabiex taghzel li tmur tghix ma' missierha rrikorrenti;

10. Illi oltre dan u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti hija konvinta illi mhuwiex fl-ahjar interess tat-tifla minuri illi hija tmur tirrisjedi ma' missierha, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

11. Illi oltre dan u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ambjent familjari u socjali tat-tifla minuri Elena huwa vicin id-dar is-Swieqi fejn hija tghix m'ommha u jkun importanti illi dan l-ambjent jibqa' kostanti f’hajjitha u ma tkunx soggetta ghal tibdil bla bzonn;

12. Illi t-tifla minuri Elena tippartecipa bi shih fis-Salezjani li jinsabu tas-Sliema u shabha jghixu ftit 'l boghod minnha u huwa importanti illi t-tifla ma jkollhiex iktar tibdil f'hajjitha wara dak li ghaddiet minnu ftit snin ilu;

13. Illi stante illi l-esponenti tahdem fuq bazi part-time filwaqt illi r-rikorrenti jahdem fuq bazi full-time, hija tinsab f'pozizzjoni ahjar illi tiehu hsieb il-bzonnijiet tat-tifla, inkluz illi twassalha ghall-attivitajiet extra-kurrikulari u tigborha minn dawn l-attivitajiet u illi tiehu hsieb il-bzonnijiet tat-tifla, kif ilha taghmel minn mindu twieldet it-tifla;

14. Illi, fil-fehma umli tal-esponenti, hija jidhrilha illi hija dejjem gabet l-interessi tat-tfal l-ewwel u qabel kollox, u hija tal-fehma illi t-tifla minuri Elena ghandha bzonn il-presenza kostanti taghha ta' ommha f'hajjitha, partikolarment waqt is-snin tal-addoloxxenza u ghalhekk mhuwiex fl-ahjar interess tat-tifla minuri illi tbiddel ir-residenza taghha sakemm tibqa' minorenni;

15. Illi dan ix-xahar, it-tifla minuri Elena tiela' fl-ahhar sena tal-iskola sekondarja u tiehu interess specjali fl-iskola u fl-ahhar tas-sena skolastika, ser tkun qed taghmel l-ezamijiet f'livell Ordinarju u ghalhekk, iktar u iktar mhuwiex fl-ahjar interess taghha illi tbiddel l-ambjent familjari f'dan l-istadju, u ghalhekk l-esponenti ma tistax tifhem kif ir-rikorrenti rrikorra ghal dawn il-proceduri;

16. Illi ghandu jinghad illi minkejja l-fatt illi, skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni, ir-rikorrenti ghandu access liberu u ghalkemm gew miftiehma modalitajiet ta' access sabiex it-tifla minuri tqatta' iktar hin mar-rikorrenti, ir-rikorrenti mhuwiex qieghed jecercita regolarment tali hinijiet ta' access;

17. Illi l-esponenti ghandha suspett illi t-talba tar-rikorrenti qed issir ghal ragunijiet ulterjuri u mhux ghar-ragunijiet espressi minnu fir-rikors guramentat, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

18. Illi ghandu jinghad illi r-rikorrenti qed jirrifjuta illi jikkontribwixxi ghall-attivita extra-kurrikulari li tant thobb it-tifla minuri u ghalhekk, l-esponenti spiccat biex qed thallas hi ghal-ispejjez tal-lezzjonijiet u spejjez ohra relatati, kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza;

19. Illi l-esponenti dejjem wriet illi kienet disposta illi l-hinijiet tal-access tar-rikorrenti ghat-tifla minuri jitwalu izda r-rikorrenti dejjem irrifjuta tali proposta u nsista illi t-tifla z-zghira tmur tghix mieghu;

20. Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponenti m'ghandhiex tbati spejjez.

21. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-attur pprezentataipprezentata fl-1ta’ Settembru 2015 li maghha annetta l-affidavit tieghu kif ukoll l-inkartament tal-medjazzjoni;

Rat in-nota tal-konvenuta pprezentata fit-13 ta’ Ottubru 2015 li maghha annettiet l-affidavit taghha;

Rat x-xhieda ta’ Martina B, bint il-partijiet, li xehedet fis-seduta tal-5 ta’ Novembru 2015;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-30 ta’ Novembru 2015 fejn il-Qorti semghet lill-minuri Elena B ‘in camera’;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-7 ta’ Dicembru 2015 fejn gie ordnat li ‘pendente lite’ l-minuri Elena, b’effett mit-3 ta’ Jannar 2016 tibda tirrisjedi mal-missier b’access favur l-omm kf indikat fl-istess digriet, u giet nominate l-Psikoterapista

Carmen Delicata biex verbalment tirrelata dwar il-htigijiet psikologici attwali tal-minuri;

Rat d-digriet tas-17 ta' Dicembru 2015, fejn ghar-ragunijiet indikati mill-konvenuta fir-rikors taghha tas-16 ta' Dicembru 2015, giet revokata l-hatra ta' Carmen Delicata;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2016 fejn il-Qorti regghet semghet lill-minuri 'in camera' fil-presenza tal-genituri u l-avukati rispettivi u varjat d-digriet precedenti dwar il-hinijiet tal-access tal-minuri ghand l-omm;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2016 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex jitresqu quddiemu l-provi tal-kovenuta;

Rat x-xhieda tal-konvenuta li xehdet fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tal-attur li xehed in kontro ezami fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2017;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-abbli Avukati tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2017 fejn il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat;

**PROVI.**

L-attur, fl-affidavit tieghu mahluf fl-1 ta' Settembru 2015, Fol 38 et seq. ikkonferma li ghandu zewgt itfal, Elena li twieldet fit-22 ta' Dicembru 2000, li ghandha 14 il-sena u Martina li twieldet fis-17 ta' April 1996 li ghandha 19 il-sena. Hu zzewweg lill-konvenuta fit-2 ta' Dicembru 1995, kellhom il-problemi mill-ewwel u fis-sena 2011 telaq mid-dar u fit-2013 isseparaw legalment.

Fil-kuntratt ta'separazzjoni qablu li t-tfal jirrisjedu mal-omm, u jekk din tinhteig li tinbidel, jekk it-tifla tkun maggoreni tista' issir b'dikjarazzjoni quddiem Nutar, u jekk it-tifla tkun ghadha ma ghalqitx it-18 il-sena, fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, din tista' issehh biss b'ordni tal-Qorti.

It-tifla l-kbira, Martina tghix mieghu minn mindu ghalqet it-18 il-sena, kopja tad-dikjarazzjoni giet annessa u markata Dok HB1. Ilha tghix mieghu ghal dawn l-ahhar sena u nofs.

It-tifla l-ohra, Elena, ilha hafna tghid li trid tmur tghix mieghu. L-ewwel darba li hu sema' b'dan kien fit-2012 meta nqalet glieda bejn it-tifla l-kbira, Martina u ommha. Hu kien rceva telefonata minghand bintu Elena li kienet qed tibki u qaltlu li kienu gew fl-idejn. F'dak iz-zmien kienu ghadhom ma sseparawx legalment, pero' hu kien telaq mid-dar billi kien qed ikollu tensjoni u glied kbir mal-mara. Dakinhar Elena kienet qaltlu li ma riditx tibqa tghix ma' ommha. Hu haseb li kienet qaltlu hekk minhabba li kien nqala' dan l-incident, pero' anke biz-zmien Elena baqghet ma biddlitx il-fehema taghha. Komplew jinqajghu il-kwistjonijiet bejn it-tifla Elena u ommha u t-tifla dejjem kienet tghidlu li ma riditx tibqa' tghix ma ommha. Hu ihoss li r-ragunijiet ghaliex t-tifla ma tridx tibqa' tghix ma ommha huma s-segwenti;

1. It-tifla thoss li ma' ommha ma ghandhiex l-istess fiducja u kommunikazzjoni li ghandha ma' missierha. Hi kienet tghidlu " il-mummy ma titkellimx fuq l-affarjiet taghha maghna" u t-tifla gieli ukoll kienet tghidlu li ommha " mhux dejjem titkellem il-verita". It-tifla thoss li aktar tista' tafda lill-missierha minn ommha.

2. Kwistjoni ohra hi dik tal-flus. Hu ddikjara li jhallas lill-martu manteniment ghat-tifla fl-ammont ta' Euro 419 fix-xahar u jhallas ukoll l-ispejjez ta' edukazzjoni kollha u health insurance ghat-tifla. Il-mara tahdem kwazi full time, ma ghandhiex dejn izda dejjem jinqalghu l-kwistjonijiet meta t-tifla jkollha bzonn tixtri xi haga li ma jixtrix hu ghaliha. It-tifla tilmenta mieghu li ma ghandhiex flus biex tixtri l-hwejjeg, biex tohrog, jew biex tixtri rigal ghall-hbieb fl-okkazzjoni tal-birthday. Biex ma jinqalghux kwistjonijiet l-attur jghid li kien jixtri hwejjeg ghat-tifla Elena mat-tifla l-kbira Martina. Elena kienet tiddejaq titlob flus lill-ommha ghal pocket money jew biex tittopja il-credit tal-mobile. It-tifla kenet taghddi minn hafna ansjeta' meta kellha bzonn il-flus u kienet dejjem tispicca biex titlob lill-missierha biex tevita l-inkwiet ma' ommha.

3. It-tifla qed thossha skomda fid-dar ma' ommha. Anke meta t-tifla kienet iggib xi habiba torqod id-dar dan kienet taghmlu biss fid-dar ma' missierha.

4. Elena ghandha relazzjoni eccellenti ma' ohtha Martina li tghix mal-missier. Huma ahwa pero' huma hbieb ukoll. Elena hi erba' snin izghar minn ohtha Martina u maghha ssib il-wens u s-sigurta'. Hemm bond qawwija bejniethom u jhossuhom komdi flimkien.

5. L-omm u t-tifla Elena ma ghandhomx relazzjoni tajba. L-attur jghid li anke t-tifla l-kbira Martina ma kellhiex relazzjoni tajba ma' ommha tant li din ddecidiet li titlaq lill-ommha u tmur tghix ma' missierha. L-attur jghid li kien qal lill-konvenuta li biex tirbah l-fiducja u l-imhabba vera tat-tfal trid taccetta r-rieda cara taghhom. It-tifla qalet mhux biss lill-ommha ripetutament li riedet tmur tghix

ma’ missierha izda anke llill-medjatrici li ltaqghet maghha separatement u mhux fil-presenza tal-genituri. Il-medjatur ukoll kienet fehmet li t-tifla riedet tmur tghix ma’ missierha, izda l-omm baqghet tirrifjuta u ghalhekk kellhom jittiehdu dawn il-proceduri. Il-konvenuta kienet qalet ripetutament kemm lill-attur kif ukoll lit-tifla li kien inutili li jipprocedu bil-Qorti billi l-process kien ser jiehu aktar minn 3 snin, meta t-tifla taghlaq 18 il-sena u tkun tista’ tiddecidi hi.

L-attur jghid li ma kellhomx jaslu sa dan il-punt, pero’ hu ma kellux ghazla, ma setghax jinjora x-xewqa ta’ bintu li riedet li tmur tghix mieghu. Hu ddikjara li din ma kinitx kwistjoni ta’ flus, hu kien lest li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha tat-tifla izda l-izjed importanti kien li t-tifla tinhal mis-sitwazzjoni prezenti u b’mod liberu tiddeciedi hi fejn tixtieq toqghod u fejn l-aktar li jhossha komda.

Il-konvenuta pprezentat l-affidavit taghha mahluf fit-13 ta’ Ottubru 2015, Fol 60 et seq. Hi kkonfermat li zzewget fit-2 ta’ Dicembru 1995 u kellha zewgt ibniet, Martina li ghandha 19 il-sena u Elena li ghandha 14 il-sena. Ir-ragel beda bil-proceduri ta’ separazzjoni f’ Novembru 2011 u kien telaq mid-dar xahrejn qabel. Hi tghid li kienu ssettiljati u ma xtaqitx li jisseparaw. Hi sofriet fil-process tas-separazzjoni, tghid li zewgha ried jisssepara bis-sahha, ghamel xhur shah icempillha lejl u nhar u jinsisti li jikkonkludi fl-aqsar zmien possibbli. Tghid li kien jheddidha u jghajjarha kemm fuq it-telephone kif ukoll fil-presenza tat-tfal. Kien anke involva t-tifla l-kbira fil-kwistjonijiet ta’ bejniethom, lit-tfal kien izzommhom dejjem infurmati partikolarment kemm kien dispost ihallas manteniment ghalihom. Hi tghid li f’dak iz-zmien r-ragel ma kienx interessat li t-tfal jmorru jghixu mieghu, hi kienet hallsitu nofs il-prezz tad-dar biex tibqa’ tghix fiha flimkien mat-tfal.

Tghid li r-ragel ghamel pressjoni enormi fuqha biex tikkonkludi malajr il-kuntratt ta’separazzjoni. Wara li ffirmaw tghid li l-attur qalilha li lejliet cempillu l-avukat li tah parir biex ma jiffirmax billi kien ser jidhol ghall-piz kbir u r-ragel ddecieda li jiffirma biex jehles. Hi fehmet li ghalkemm isseparaw l-istorja ma kinitx ser tieqaf hemm.

It-tfal baqghu jirrisjedu maghha fis-sena 2013, pero’ hu baqa’ dejjem jinvolvihom specjalment fejn kien jirrigwarda il-flus bil-ghan li jgharraq r-relazzjoni taghha mal-ulied. Martina, li hi maggorenni u marret tghix ma’ missierha, meta kienet ghadha tghix mal-omm kienet tilmenta maghha li kienet qed thallas ghal kollox mill-flus li r-ragel kien jhallas ghall-manteniment tat-tfal. Fil-fehma taghha dan wassal biex f’Jannar 2014 it-tifla l-kbira Martina marret tghix ma’ missierha. Il-konvenuta tghid li ma rceviet l-ebda dokument  notarili dwar il-bidla tar-residenza ta’ Martina.

Il-konvenuta tghid li qatt ma kellha mohhha mistrieh wara s-separazzjoni billi hu kien jghidilha li l-kuntratt fih piz kbir ghalih u li xi darba kienu ser jispiccaw il-

Qorti. Darba zewgha qalilha ‘ Jiena it-tfal dak li nghidilhom jien ser jaghmlu u jekk imorru il-Qorti, iz-zghira dak li nghidilha jien ser tghid’. Hi tghid li zewgha kellu kliem ta’ disprezz kemm fil-konfront taghha kif ukoll fil-konfront tal-Avukata taghha. Dan ghaliha kien abbuz psikologiku pero’ sabet il-forza biex tibqa’ ghaddejja b’hajjitha ma’ uliedha.

Tghid li l-attur ma kienx ta’ ezempju tajjeb ghat-tfal billi meta kien jkollhom xi argument fuq it-telephone kien jpoggih fuq speaker u t-tfal kien jisimghu t-tghajjir u l-kliem dispreggjattiv. Kien hemm okkazzjoni meta cemplet lil Elena li kienet ghandu u staqsietha biex tkellmu u semghatu jghajjad ‘Put her on speaker let me speak to the fucking bitch of a mother of yours’.

Il-konvenuta tghid li ghandha suspett li l-kawza saret biex zewgha ma jibqax jhallas manteniment, partikolarment billi ic-cirkostanzi finanzjarji nbidlu fit-2013/2014. Tghid li t-tifla kienet kondizzjonata minn dak li kien jghidilha missierha; kienet tbiddel fehmitha u tghid lill-ommha ‘ghax papa’doesn’t like it’. Tghid li altrimenti ma kien hemm l-ebda bdil fic-cirkostanzi li jista’ jgieghel lit-tifla Elena tiddeciedi li trid tmur tghix ghand missierha. Hi tghid li t-tifla hi kuntenta tghix maghha u ma thossx li hu fl-ahhjr interess taghha li tbiddel ir-residenza taghha.

Sa Settembru 2014 t-tifla ma kienet hadet l-ebda decizzjoni li tmur tghix missierha. L-attur kien cempel lill-konvenuta fis-Sajf tat-2014 u qalilha li iz-zghira f’Dicembru tghalaq 14 il-sena, hu jkun lesta d-dar u kien bi hsiebu jiftah proceduri ta’ medjazzjoni biex t-tifla tmur mieghu. Wara s-separazzjoni l-attur xtara plot u bniha u t-tifla kienet tghid lill-ommha li missierha ma kellhux flus billi kien qed jibni d-dar. Il-konvenuta tifhem li t-tifla kienet taht pressjoni minn missierha u ohtha biex taghmel din l-ghazla kif hu kkonfermat mill-emails tal-4 ta’ Settembru 2014 skambjati bejn it-tifla u missierha.

Il-konvenuta tghid li hi nkwetat meta skopriet x’kien ghaddej wara daharha u tkellmet mal-counsellor tal-iskola tal-minuri, Ms Anna Scicluna, tkellmet ukoll ma’ Bro Kenneth Micallef u Bro Gerald Mangion tas-Salesjani.

Dwar it-tifla l-kbira Martina, l-konvenuta ddikjarat li ghalkemm din marret tghix ma’ missierha f’Jannar 2014, fil-bidu tas-sena 2015 marret ghal xi ftit granet ghand ommha u qaltilha li xtaqhet titkellem u qaltilha ‘I miss you and I feel the need of the presence of a mother in my life’. Il-konvenuta tghid li offrietilha l-ghajnuna kollha taghha u qaltilha li l-bieb huwa dejjem miftuh ghaliha.

Il-konvenuta ma tifhimx kif qed tigi akkuzata minn zewgha li hi konxja mill-flus. Hi thallas ghal bintha Elena l-ispejjez ghall-attivitajiet extra-kurrikolari u spejjez ohra li skont il-kuntratt huma spejjez li ghandhom jithallsu mil-attur. Dan ma jhallashomx bl-iskuza li ma ghandux flus u li qed jaghtiha bizzejjed.

Elena kienet wriet x-xewqa li tibda tattendi ghall-lezzjonijiet tal-hip-hop, l-konvenuta kienet lesta thallas n-nofs tal-ispejjez izda l-konvenut lanqas in-nofs ma ried ihallas u spiccat thallas kollox hi biex tara lit-tifla kuntenta.

Il-konvenuta tghid li fejn jidhlu l-flus kienet qed thoss li kienet qed tigi rikattata bhal meta t-tifla riedet tixtri smart phone li jiswa Euro 320. Hi kienet ssuggerit lill-attur li jixtruhulha flimkien ghal xi okkazzjoni bhal birthday jew Christmas, izda hu kien qalilha ‘Jien mhux ser nohrog flus ghal mobile. Jien diga’ inhallas Euro 419 fix-xahar. Titlobni xejn aktar.’ Il-konvenuta spiccat xtrathulha hi ghall-birthday u Christmas.

Ghalkemm giet akkuzata li ma tixtrix hwejjeg ghat-tifla, l-konvenuta insistiet li xtratilha kwantita’ konsiderevoli ta’ hwejjeg kif jista jigi konfermat mill-Visa account taghha. Fl-ahhar tlett snin siefru kull sena u l-hwejjeg li xtrat t-tifla hallsithom kollha l-konvenuta. Tghid li ma tistax tifhem kif t-tifla tkun anzjuza minnhabba l-pocket money billi l-konvenuta dejjem hadet hsieb thallas ghall-uzu tal-mobile tat-tifla.

Il-konvenuta tinsisti li l-missier beda jaghmel hafna pressjoni biex hi taccetta li l-minuri tbiddel r-residenza taghha. Il-konvenuta indikat diversi ragunijiet li mhux fl-interess tat-tifla li tbiddel r-residenza taghha. Hi ddikjarat li kienet preokkupata billi marret ma’ ohtha l-Beer Festival u damu barra sas-siegha ta’ filghodu. Hi jidhrilha li ghadha zghira wisq biex tibqa barra sa dawk il-hinijiet u li tohrog mal-hbieb ta’ ohtha li huma akbar minnha.

Hi tahdem part time mentri il-missier jahdem full time bhala Accountant f’Mater Dei u ghalhekk ghandha aktar hin mill-attur biex tiehu hsieb ghall-bzonnijiet tat-tifla. Hi twassalha u tigborha mis-Salesjani Summer School fik ukoll ghall-attivitajiet extra-kurrikolari. Elena ftit xhur ohra tkun qed taghmel l-O Levels u ghalhekk mhux fl-ahhjar interess taghha li taghmel din il-bidla fir-residenza. Shabha kollha jghixu fil-vicin u tippartecipa bi shih fl-attivitajiet tas-Salesjani li qed jaghtuha sens kbir ta’ responsabilita’.

Il-konvenuta ikkonfermat li ghandha relazzjoni eccellenti mat-tifla, siefru flimkien tlett darbiet u dejjem hadu gost, fl-iskola t-tifla kellha rizultati tajbin, lit-tifla dejjem ipprovditha b’kollox u qatt ma hallietha nieqsa minn xejn.  L-access favur r-ragel hu wiehed liberu u hi dejjem kienet disposta li t-tifla tqatta’ aktar hin ma’ missierha. Dan hi pproponietu waqt il-medjazzjoni izda hu baqa’ jinsisti li t-tifla tbiddel ir-residenza.

Bhala omm thoss li mhux fl-ahjar interes tat-tifla li tbiddel ir-residenza taghha billi ghad ghandha bzonn il-presenza kontinwa tal-omm partikolarment waqt s-

snin tal-adoloxxenza. It-tifla ghadha mhix matura bizzejjed biex taghmel din l-ghazla decizzjoni serja li fil-futur jista' jkollha konsegwenzi psikologici negattivi. Tghid li kienet il-manipulazzjoni tal-attur li wasslet ghal-firda bejn it-tifla l-kbira u ommha. Hi ezebit kopja ta' rapport li ghamlet mal-Pulizija fid-29 ta' April 2015 .

Il-Qorti semghet lill-minuri 'in camera' fl-14 ta' Ottubru 2015, Fol 77, fit-30 ta' Novembru 2015 Fol 97, u b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2015, Fol 99 tat provvediment 'interim' dwar r-residenza tal-miuri Elena.

Martina B, bint il-partijiet, xehdet fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2015, Fol 81 et seq. Hi kkonfermat li kienet qed tghix ma' missierha fl-indirizz 14 Triq Louis Farrugia, Fleur-De-Lys fejn kienet ilha tghix ghall-ahhar sena u nofs, qabel kienet tghix ma' ommha. Meta ghalqet 18- il sena kienet iffirmat dikjarazzjoni li kienet ser titlaq mid-dar fejn kienet tghix ma' ommha biex tmur tghix fir-residenza ta' missierha. Hi ddikjarat li kienet qed tgharaf il-firma taghha fl-affidavit tal-21 ta' April 2014. Huma kienu jghixu kollha flimkien sas-sena 2011 meta missierha kien telaq mid-dar. F'dak iz-zmien hi kellha xi 15 il-sena, u mill-ewwel kellha l-hsieb li tmur tghix ma' missierha. Hi kkonfermat li meta kienet ghadha qed tghix ma' ommha kien jkollha hafna clashes maghha meta kienet titlobha il-flus ghal tal-linja, credit cards, mobile u biex tohrog mal-hbieb. Hi ddikjarat li kienet taf li missierha kien qed jaghti lill-ommha Euro 415 fix-xahar manteniment ghaliha ghalhekk hi kienet l-ewwel tistaqsi lill-ommha ghall-flus. Meta kienet titlobha Euro 10 kienet taghtiha Euro 5 u ghalhekk kienet titlob lill-missierha biex jaghtiha Euro10. Billi kien jkollha dawn il-'clashes' ma' ommha kienet qalet lill-missierha li x-xewqa taghha kienet li eventwalment tmur tghix ma' missierha pero' hi ma xtaqhitx li thalli warajha lil ohtha li kienet 4 snin izghar minnha. Biz-zmien ir-relazzjoni taghha ma' ommha tjiebet hafna tant li jiltaqghu regolarment u jkun hemm okkazzjonijiet meta tmur torqod ghand ommha fejn ghadha tghix ohtha izghar minnha. Ir-relazzjoni ma' ohtha Elena dejjem kienet 'close' u anke taf l-hbieb ta' ohtha. Kienet tikkonsla lil ohtha Elena meta din kienet tkun qed tibki wara li tisma lill-genituri jitlewmu. Qatt ma qaltilha direttament li riedet titlaq mir-residenza ta' ommha u tmur ghand missierha, pero' meta kienet tistaqsiha ma kinitx tirrispondi u tibda tibki, ghalhekk fehmet li ohtha kienet qed tghaddi mill-istess esperjenza li ghaddiet hi xi snin qabel. Xi hmistax qabel xehdet x-xhud iddikjarat li kienet raqdet ghand ommha fejn kienet tirrisjedi ohtha izghar minnha, u fil-ghodu sabu lill-omhom mixhuta fl-art b'hass hazin, marru jghiniha u bdiet tghidilhom fuq il-kappella fic-cimiterju fejn xtaqhet tindifen. Wara dan l-incident ohtha Elena qaltilha li riedet titlaq mir-residenza ta' ommha u tmur maghha ghand missierhom. Ghalkemm ix-xhud ghandha relazzjoni tajba ma' ommha u gieli torqod ghandha qatt ma jitkellmu fuq il-mertu ta' din il-kawza. Ma' missierha pero' gieli tkellmu fuq il-kawza cioe' jekk ohtha ghandhiex tmur tghix maghhom. Ohtha hi 'close' hafna mal-hbieb taghha tant li fil-weekend ta' qabel ghamlu 'sleepover' ghand missierha.

In kontroezami kkonfermat li malli ghalqet it-18 il-sena missierha kien ha hsieb li jgib in-Nutar u hi ffirmat l-affidavit fil-21 ta' April 2014. Hi ddikjarat li kienet taf li missierha kien qed ihallas Euro 415 manteniment fix-xahar ghaliha u kien jhallas ukoll amont iehor ghall-ohtha. Qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni f'Jannar 2013 hi kienet tistaqsi lill-missierha dwar dak li kien qed jigi miftiehem billi hi kellha interess. Kienet fl-eta' li tibda il-hajja socjali, tohrog mal-hbieb u l-pocket money ghaliha kien xi haga importanti. Hi kkonfermat li ommha kienet tittopjalha il-mobile izda dejjem b'ammont anqas milli titlobha. Hi cahdet li qatt hajjret lill-ohtha biex titlaq minn ghand ommha u tmur tghix ghand missierha. Hi cahdet li qatt sfurzata biex titlaq minn ghand ommha u tmur tghix ghand missierha. Hi cahdet li ohtha qaltilha biex ma taghmilx pressjoni fuqha u thalliha libera biex tiddeciedi.

Dwar il-facebook chat bejnha u ohtha, li kopja taghha giet ezebita, ikkonfermat li lil ohtha qaltilha li kienet decizzjoni difficili biex titlaq minghand ommha u tmur tghix maghhom. Hi uzat il-kelma 'injustice'ghax fil-fehma taghha ommha kienet imxiet b'mod ingust ma' missierha. Meta kellha 13 il-sena saret taf li ommha kellha relazzjoni ma' ragel iehor. Waqt li l-genituri kienu qed jisseparaw kellha xi tghid ma' ommha u din qaltilha "nahseb ahjar tmur ticcekja min hu missierek". Dan kien kumment li wegghahha hafna billi l-genituri taghha zzewgu meta ommha kellha 5 xhur tqala. Kienet saret taf b'dan l-incident ta' infedelta' ta' ommha ghaliex darba bdew jikkustinjaw fil-kamra taghhom u semghet lill-missierha jakkuza lill-ommha li marret ma' haddiehor, fiz-zmien meta kienu ghadhom gharajjes u kienu qed jippreparaw biex jizzewgu. Hi ddikjarat li gieli ghajret lill-ommha bil-kelma 'qahba' jew xi kliem hazin iehor, pero' kienet tkun provokata minnha.

Il-Qorti regghet semghet lill-minuri Elena B 'in camera' fil-presenza tal-genituri u l-avukati rispettivi fis-26 ta' Jannar 2016 Fol 114 u varjat d-digriet precedenti fis-sens li l-minuri kellha tmur ghand ommha nhar ta' Tlieta bejn it-3pm u it-8.30pm u fi tmiem il-gimgha mill-Gimgha fit-3pm sas-Sibt 7.00pm u l-gimgha ta' wara mis-Sibt 11.30am sal-Hadd 10.00pm.

Sar rapport l-Ghassa ta' Birkirkara fis-7 ta' Jannar 2016, Dok HB4 Fol 124, minn Elena B flimkien ma' missierha A B li dakinhar ma riditx tmur tghix ghand ommha C B D fir-residenza taghha fis-Swieqi.

Rapport simili sar fil-11 ta' Jannar 2016, Dok HB5 Fol 127, fl-14 ta' Jannar 2016 Dok HB6 Fol 130, u fil-15 ta' Jannar 2016 Dok HB7 Fol 133.

Il-konvenuta, C B D, fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2016, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 158 ezebiet numru ta' emails markati Dok BP, Dok BP1, Dok BP2, Dok BP3(a), Dok BP3(b),Dok BP4, Dok BP5, Dok BP6, Dok

BP7(a),Dok BL7(b), Dok BP7(c), Dok BP8(a), Dok BP8(b), Dok BP8(c), Dok BP9 u Dok BP10.

L-attur, A B, xehed in kontroezami fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2017, Fol 186 et seq. Hu kkonferma li, wara li bdiet il-medjazzjoni, l-konvenuta xtaqhet tirrikoncilja, u li kien hemm insistenza da parti tieghu li ssir s-separazzjoni. Hu ddikjara li fit-2011 bhala accountant kien il-Financial Controller tal-Grand Harbour Regeneration u li fil-present jahdem Mater Dei Hospital, full time. Ghalkemm il-manteniment li kien accetta kien obbligu finanzjarju kbir, hu cahad li dan incida fuq id-decizjoni dwar t-tfal. Mistoqsi kif kien li ma hallhiex f'idejn it-tifla Martina li tiehu hsieb d-dikjarazzjoni taghha hi stess, irrisponda li kienet x-xewqa taghha li jiehu hsieb hu, u kien ghalhekk li qabbad Nutar biex issir din d-dikjarazzjoni minn Martina, kif kien gie miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni.

It-tifla marret tghix mieghu meta kellha 18 nieqes 3 xhur u hu baqa' jhallas il-manteniment sakemm ghalqet 18 il-sena, ghalkemm il-konvenuta kienet ittrasferit lura l-flus lilu minn meta Martina marret tghix mieghu. Fil-present Martina kienet qed tahdem u tistudja. Elena kienet ser taghmel l-A levels s-sena d-diehla u gieli kienet tkun wahedha fid-dar ta' missierha. Mistoqsi jekk kienitx waheda mat-tifel tal-partner tieghu rrisponda li ma kienx il-kaz billi kien hemm Martina maghhom. Mistoqsi ghaliex rrifjuta li jibghat lil Elena ghand ommha meta kien msiefer irrisponda li Elena ma riditx tmur u riedet tmur biss ghas-sieghat tal-access.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-partijiet izzewgu fit-2 ta' Dicembru 1995 u kellhom zewgt itfal, Martina li twieldet fis-17 ta' April 1996 u Elena li twieldet fit-22 ta' Dicembru 2000. Huma sseparaw b'kuntratt ippubblikat minn-Nutar Dottor Joseph Tabone fl-14 ta' Jannar 2013. Gie miftiehem li l-kura u kustodja tat-tfal kellha tkun kongunta, kellhom jirrisjedu mal-omm, b'hinijiet tal-access kif miftehma favur il-missier. Qablu ukoll li jekk tifla tkun tixtieq tmur mal-genitur l-iehor, fin-nuqqas ta' qbil bejniethom, dan kellu jsir b'dikjarrazzjoni guramentata jekk it-tifla jkollha 18 il-sena, u b'digriet tal-Qorti jekk tkun izghar, Klawsola 4A(111) tal-kuntratt.

It-tifla l-kbira Martina marret tghix mal-missier meta ghalqet 18 il-sena, u din l-kawza qed issir biex anke it-tifla Elena tmur tghix mal-missier, billi l-omm qed topponi.

B'Digriet tas-7 ta' Dicembru 2015, din il-Qorti wara li semghet in camera lill-minuri Elena fl-14 ta' Ottubru 2015 u fit-30 ta' Novembru 2015 tat provvediment interim dwar ir-residenza tal-minuri u ordnat li b'effett mit-3 ta' Jannar 2016 il-minuri Elena tibda tirrisjedi primarjament mal-missier b'access favur l-omm, fost il-gimgha mill-hin li l-minuri tispicca l-iskola sat-8.00pm, hinijiet li jistghu

jvarjaw skont l-attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri; fi tmien il-gimgha b'mod alternat mill-Gimgha fis-6.00pm sas-Sibt fis-6.00pm u mis-Sibt fis-6.00pm sal-Hadd fis-6.00pm.

Dawn il-granet u hinijiet jistghu jigu vvarjati bi qbil bejn il-partijiet b'konsultazzjoni mal-minuri. Saret rakkommandazzjoni biex il-partijiet jaqblu dwar hinijiet tal-access waqt il-vaganzi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

Il-partijiet kif ukoll Martina gew ordnati biex ma jitkellmhux mal-minuri Elena dwar il-mertu tal-kawza u giet nominata il-Psikoterapista Carmen Delicata biex taghti lill-Qorti r-rakkommandazzjonijiet taghha dwar il-htigijiet psikologici attwali tal-minuri. In-nomina taghha giet revokata b'digriet tas-17 ta' Dicembru 2015 wara rikors tal-konvenuta tas-16 ta' Dicembru 2015, billi l-imsemija psikoperatista kienet diga'rat lill-koppja B privatament qabel s-separazzjoni.

Fis-seduta tas-26 ta' Janar 2016, il-Qorti, wara li regghet semghet 'in camera' lill-minuri Elena, fil-presenza tal-genituri u l-avukati rispettivi, varjat dan id-digriet u ordnat li l-minuri ghandha tmur ghand ommha nhar ta' Tlieta bejn it-3.00pm sat-8.00pm u fi tmiem il-gimgha mill-Gimgha fit-3.00pm sas-Sibt fis-7.00pm u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fil-11.30am sal-Hadd fl-10.00pm.

Ikkunsidr
Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hija mghobbija bir-responsabilita' li f'kull kaz li jikkoncerna minuri tara li d-decizjonijiet li tiehu ghandhom ikunu gwidati minn konsiderazzjonijiet dwar x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Tali responsabilita' hija regolata bl-**Artikolu 149 tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi:

"***B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici ,il-Qorti tista', jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna li tkun taht l-eta'kif jidrilha xieraq fl-ahjar interess tat-tifel".***

Fil-kawza fl-ismijiet "**Sarah Anne Duca vs Clint Xuereb**" deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Gunju 2016 ntqal li:

"Sabiex il-kura u kustodja tithalla f'idejn iz-zewg genituri huwa necessarju li jigi ppruvat li tali kura u kustodja kongunta tkun fl-ahjar interess tal-minuri. Izda l-Qorti hija fid-dover li timxi b'kawtela kbira meta tigi biex tiddecidi dwar il-kura u kustodja tal-minuri fl-isfond ta' litigji kontinwi bejn iz-zewg genituri".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Miriam Cauchi vs Francis Gauci**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2008 ntqal hekk:

"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-

minuri li, ghal dan il-ghan, jehtiegilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi pprovdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli". Fl-istess sentenza gie rilevat li jekk tinqala' l-htiega ta' decizjoni mghaggla u urgenti, bhal xi intervent mediku li jirrikjedi l-kunsens taz-zewg genituri, n-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-genituri jista' jkun ta' hsara kbira ghall-minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014, il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jghati l-poter lill-Qorti li taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Mario Darmanin vs Annalise Cassar**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 intqal li :

"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-merti u demeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss dwar x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri."

Ikkunsidrat;

Fil-kaz in ezami, l-minuri Elena B twieldet fit-22 ta' Dicembru 2000, fl-ahhar ta' din s-sena taghalaq 17 il-sena. Dan naturalment hu dettal importanti billi l-interessi, l-htigijiet u l-esigenzi ta' tfajla ta' din l-eta' huma ferm differenti minn dawk ta' minuri ta' eta' tenera. Mill-kontroezami tal-attur li sar fil-25 ta' Jannar 2017 jirrizulta li Elena qieghdha 6$^{th}$ Form u din s-sena taghmel l-A Levels. Ir-residenza tal-attur hi fl-indirizz 14, Triq Louis V Farrugia, Birkirkara, dik tal-konvenuta hi fl-indirizz 40, Triq is-Sejjieh, Swieqi. L-iskola li kienet tattendi kienet f'Haz-Zebbug. Irrizuta ukoll mill-istess kontroezami tal-attur, li meta t-tifla kienet mieghu u kellu jsiefer u l-konvenuta qaltlu biex t-tifla tmur ghandha biex ma tibqghax wahedha waqt li hu jkun imsiefer, l-istess tifla rrifjutat li tmur ghand ommha u riedet li tibqa' izzomm l-istess granet kif stabbilit mill-Qorti fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2016, meta l-Qorti varjat d-digriet precedenti tas-7 ta' Dicembru 2015 wara li semghet lill-istess minuri u lill-genituri fil-presenza tal-avukati rispettivi.

Indubjament ghal Elena, il-fatt li tinzerta xi granet wahedha mhux xi forma ta' punizzjoni, anzi billi qed tistudja ghall-A Levels ghandha bzonn il-hin, l-kwiet u s-serenita' biex tikkoncentra fuq l-istudju. Hu ghalhekk assolutament necessarju ghaliha li jkollha residenza stabbli u mhux skariggi spissi minn dar ghall-ohra tal-genituri. Skont is-sentenzi citati 'supra' il-konsiderazzjoni l-aktar importanti

m'hiex jekk il-minuri toqghodx aktar mall-missier milli mal-omm, jew viceversa, izda x'inhu l-ahjar interess tat-tifla.

Tenut kont tal-fatt li Elena taghlaq 18 il-sena f'Dicembru 2018, li ripetutament espremiet ix-xewqa li r-residenza primarja taghha ghandha tkun ma' missierha, u li qed izzomm kuntatt regolari ma' ommha, u li l-hinijet prezenti huma konvenjenti ghaliha, partikolarment mill-aspett tal-istudju, jidher li jkun ghaqli u fl-ahjar interess taghha li l-hinijiet presenti regolati bid-digriet pendente lite jigu kkonfermati.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta konformement ma' dak hawn deciz,

1. Tilqa l-ewwel talba, tordna illi l-post tar-residenza ordinarja tat-tifla minuri Elena B jkun ma' missierha l-attur b'access favur ommha l-konvenuta nhar ta' Tlieta bejn it-3.00pm u t-8.00pm u fi tmiem il-gimgha b'mod alternat mill-Gimgha fit-3.00pm sas-Sibt fis-7.00pm u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fil-11.30am sal-Hadd fl-10.00pm.

2. Tiddikjara illi t-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet tal-14 ta' Jannar 2013 fejn jirrigwara l-minuri Elena qieghed permezz tas-sentenza odjerna jigi emendat kif hawn deciz.

3. Tastjeni milli tiddeciedi t-tieni u t-tielet talba peress li fic-cirkostanzi ma humiex mehtiega.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**